MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 174/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Joseph u Antoinette mizzewgin Borg**
**{I.D. numri 184748 (M) u 135050 (M)}**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-Rikors Guramentat** tal- Bank of Valletta p.l.c li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 15 ta' Gunju 1994, in atti Nutar Dottor Pierre Falzon u ta' l-10 t'Ottubru 1997 u tat-22 t'Ottubru 2001 in atti

Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Dok.A, B, u C), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilita’ bankarja lill-konvenuti Joseph u Antoinette Borg;

1. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph u Antoinette mizzewgin Borg fis-somma ta’ tlieta u tletin elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm33,612.23) bilanc ghad-debitu fil-‘’Loan u l-Overdraft Accounts’’ ta’ Joseph u Antoinette mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “D1 sa D3’’, Dok. “E1 sa E3’’, u Dok. “F1 sa F198’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A’’; “B’’, u “C’’) partikolarment imma mhux esklussivament billi Joseph u Antoinette mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntrattii sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istes konvenuti Joseph u Antoinette mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

3. Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

4. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Settembru 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “G’’, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-tallbiet tas-socjeta’ attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A’’; “B’’, u “C’’) partikolarment imma mhux esklussivament billi Joseph u Antoinette mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntrattii sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Joseph u Antoinette mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

(2) Tikkundanna lil Joseph u Antoinette mizzewgin Borg ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma tlieta u tletin elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm33,612.23) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts’’ ta’ Joseph u Antoinette mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “D1 sa D3’’, Dok. “E1 sa E3’’, u Dok. “F1 sa F198’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri ulterjuri mill-15 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Settembru 2004 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalmennt kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimati li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------